# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta (6) ta' Frar 2025**

**Rikors Numru 613/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Barra Scuba Limited (C46346)**

**Vs**

**Marine Services Limited (C9181)**
**u**
**Luke Joseph Mifsud (261891M)**
**għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors datat 21 ta' Ġunju 2019, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti, bil-ġurament ta' Alan Mark Whitehead, talbet is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrent rappreżentanti s-soċjeta' attriċi, flimkien mal-mara tiegħu Vivienne Whitehead (43496A) huma diretturi tal-kumpanija Barra Scuba Limited liema kumpanija topera negozju ta' scuba diving bl-isem Divewise fejn jiġu offruti servizzi kollha relatati ma' scuba diving ġewwa Malta u Għawdex;*

    2. *Illi s-soċjeta' attriċi hija proprjetarja ta' opra tal-baħar, u ċioe catamaran ta' tnax-il metru bl-isem "Leymor" speċifikament iddisinjat għall-għaddasa, liema catamaran sarlu appuntament bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex isir is-service annwali tiegħu;*

3. *Illi għal dan il-għan s-soċjeta' attriċi ingaġġat lis-soċjeta' Marine Services Limited (C9181), senjatament lil Paul Ebejer (555064M);*

4. *Illi l-kaptan ta' Leymor, Jordan Morley, ġie infurmat mill-inġiniera illi kien hemm bżonn isir xogħol addizzjonali fuq l-opra tal-baħar, b'dana li kellu jinqala' u jiġi rimpjazzat t-turbo tal-magna, liema turbo tneħħa fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), ġie ippakkjat mir-rikorrenti fis-sitta u għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), u wieħed ġdid ġie ordnat mill-Ingilterra;*

5. *Illi Jordan Morley u Lynsay Bryson infurmaw lill-inġiniera illi kien hemm l-ilma dieħel fil-catamaran u dan minkejja li l-inġiniera stess kienu iċċertifikaw il-catamaran bħala sigur għal fuq il-baħar;*

6. *Illi għalkemm l-inġiniera infurmaw lil Jordan u Lynsay illi l-bagi kienu biżżejjed u li ma kienx hemm inkwiet għax kienu se jagħmlu xogħolhom, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) għall-ħabta tal-ħamsa (5:00pm) il-marina infurmat l-ekwipaġġ, senjatament Jordan Marley, li "Leymor" kienet qed tegħreq u effetivament parzjalment taħt l-ilma;*

7. *Illi dak il-ħin sar tentattiv sabiex jitneħħa l-ilma li beda dieħel ġewwa l-opra tal-baħar u Paul Ebejer ġie mgħajjat fuq il-post, b'dana li l-istess Paul Ebejer ċempel lil inġiniera tiegħu biex jiġu fuq il-post ukoll;*

8. *Illi Paul Ebejer u/jew l-impjegati tiegħu eżegwew xogħol ħażin u mhux skond l-arti u s-sengħa u b'konsegwenza r-rikorrent qed isofri danni inġenti kaġun ta' dan l-aġir li għalih hija unikament responsabbli s-soċjeta' Marine Services Limited;*

9. *Illi r-rikorrent jikkonferma illi hu jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Illi dawn il-proċeduri qegħdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha fl-ewwel lok tiddeċiedi u tiddikjara lis-soċjeta' Marine Services Limited (C9181) kif ukoll Luke Joseph Mifsud (261891M) għal kull interess li jista' jkollu li għamlu xogħol ħażin u mhux skond l-arti u s-sengħa, b'mod illi kkaġunaw danni inġenti lis-soċjeta' attriċi, u fit-tieni lok jogħġobha tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti bħala riżultat tax-xogħol negliġenti tagħhom, u tordnalhom sabiex iħallsu favur is-soċjeta' attriċi s-somma hekk likwidata, rapprezentanti d-danni kollha sofferti minnhom, jew min minnhom, bħala riżultat tax-xogħol tas-soċjeta' konvenuta.*

*Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, s-soċjeta' attriċi bir-rispett titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportun:-*

1. *TIDDIKJARA lill-konvenuti jew min minnhom illi naqsu milli jeżegwixxu x-xogħolijiet kollha neċessarji u wkoll li sar xogħol ħażin u mhux skond l-arti u s-sengħa fuq l-opra tal-baħar Leymor proprjeta' tas-soċjeta' attriċi, kif fuq premess;*

> 2. *TIDDIKJARA lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjeta’ attriċi bħala riżultat aġir grossolanament kolpuż ta' l-istess soċjeta’ konvenuta;*
>
> 3. *TILLIKWIDA d-danni hekk sofferti mis-soċjeta' attriċi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> 4. *TIKUNDANNA lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lis-soċjeta’ attriċi tali danni hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 3565/2018, u interessi legali kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzioni.*

2. Rat illi fid-29 ta’ Lulju 2019, is-soċjeta' intimata **Marine Services Limited** laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

> 1. *Illi t-talbiet kollha attriċi, in kwantu diretti kontra is-soċjeta' Marine Services Limited, huma kollha insostenibbli fil-fatt u fid-dritt, peress illi:*
>
> *F'April 2018, is-soċjeta' attriċi qatt ma kkuntrattat mas-soċjeta' konvenuta għal tiswijiet oltre servicing regolari ta' l-opra tal-baħar Leymor, liema service ġie debitament eżegwit b'mod professjonali u sodisfaċenti tant illi is-soċjeta' intimata tħallset għal dan mis-soċjeta' attriċi, u s-soċjeta' intimata ma ġietx inkarigata u lanqas ma kienet involuta f'riparazzjonijiet jew xogħolijiet illi seħħew oltre u/jew sussegwentement għas-service. Jidher illi xogħolijiet oltre is-service ġew rikjesti mis-soċjeta' attriċi direttament lil terzi, inkluż lill-intimat Luke Mifsud, mingħajr l-involviment u addrittura il-konsapevolezza tas-soċjeta' Marine Services Limited.*
>
> *Illi peress illi is-soċjeta’ intimata u s-soċjeta’ rikorrenti kellhom relazzjoni twila, il-metodu ta' kif is-soċjeta’ esponenti kienet tingaġġja lis-soċjeta’ esponenti kien b'kuntatt dirett bejn is-soċjeta rikorrenti, ġeneralment Alan Mark Whitehead u Paul Ebejer direttament. Kwalsiasi struzzjonijiet kienu jingħataw direttament lil Paul Ebejer u Paul Ebejer skond il-każ kien jiddelega ix-xogħol lil impjegati tas-soċjeta' esponenti jew lil terzi skond il-każ.*
>
> *Illi fil-każ odjern, l-opra tal-baħar Leymor kienet teħtieġ biss service, u dan is-service ġie mitlub direttament lil Paul Ebejer bħalma kienet il-konswetudni stabbilita bejn is-soċjetatjiet u da parti tagħha is-soċjeta' intimata inkarigat lil Luke Mifsud sabiex jeżegwixxi is-service.*
>
> *Illi l-kont għas-service inħareġ direttament mis-soċjeta' intimata a favur is-soċjeta’ esponenti, liema kont kien ikopri dan is-service. Ma ntalbu l-ebda servizzi ulterjuri lil Paul Ebejer.*
>
> *Illi għaldaqstant, kwalsiasi danni li setgħu ġew ikkawżati konsegwenza ta’ xogħolijiet oltre is-service, ma jistgħux jiġu addebitati lis-soċjeta Marine Services Limited iżda lil Luke Mifsud jew terzi mqabbda minn Mifsud direttament, u kwalsiasi pretensioni f'dan ir-rigward, għalkemm*

*legalment u fattwalment infondata, għandha tiġi diretta kontra Luke Mifsud.*

2. *Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, is-soċjeta' intimata dejjem ingaġġat u/jew irreferiet xogħolijiet lil persuni kompetenti u professjonali u ma kienx hemm possibilita' raġjonevoli illi is-soċjeta' intimata qatt tissuspetta illi l-persuni minnha ingaġġjati jew ikkuntrattati ma kinux tas-sengħa u l-arti.*

   *Illi ix-xogħolijiet aċċettati mis-soċjeta intimata fl-eżekuzzjoni tan-negozju tagħha in ġenerali, jiġu eżegwiti jew minn impjegati jew minn terzi direttament ikkuntrattati mis-soċjeta' intimata. Illi is-soċjeta' intimata dejjem għażlet persuni kompetenti u ta' esperjenza fil-każ odjern, il-persuni kollha involuti fis-servicing u fix-xogħolijiet eventwalment eżegwiti fuq l-opra tal-baħar kienu kollha nies kompetenti, professjonali u ta' esperjenza.*

3. *Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, m'huwiex minnu li l-eċċipjenti wettqet xogħolijiet ħżiena u mhux skond is-sengħa u l-arti u s-soċjeta' eċċipjenti tiċħad li qatt kien hemm xi forma ta' negliġenza jew nuqqas ta' sengħa u arti da parti tagħha u/jew da parti ta' terzi imqabbda mis-soċjeta'.*

   *Is-soċjeta' attriċi qed taddebita d-danni reklamati mad-dħul ta' ilma fid-dgħajsa. Illi mingħajr preġudizziu għall-fatt illi s-soċjeta intimata kienet biss imqabbda tirrendi service fuq id-dgħajsa li ma kienx jeħtieġ li tiġi maqlugħa t-turbo, is-soċjeta' intimata, wara li ġiet infurmata bid-dħul ta' ilma fid-dgħajsa, xorta waħda ħadet azzjoni immedjata u assikurat illi tittieħed il-kura kollha neċessarja sabiex ma jsirux ħsarat u ma tinxtgħelx il-magna ta' l-opra qabel ma tiġi eżegwita proċedura speċifika, u fil-fatt, bl-intervent immedjat u professjonali tad-direttur tas-soċjeta' intimata, Paul Ebejer, ittieħdet il-kura neċessarja ta' kollox tant illi d-dgħajsa ma sofriet assolutament l-ebda danni u di fatti ftit jiem wara, l-istess opra kienet qed topera u baqgħet hekk topera għal bosta xhur. Ħsarat illi jidher li ġarrbet l-opra f'Ottubru 2018 u li ma jiffurmawx parti mir-rikors odjern stante li ma hemm l-ebda riferenza għalihom, ma humiex relatati ma' xi xogħolijiet preċedenti u fi kwalsiasi każ ma jidhirx illi huma mertu tal-kawża odjerna stante illi ma ssemmewx. Kwindi s-soċjeta' intimata ma għandhiex tirrispondi għal ebda danni reklamati mis-soċjeta' attriċi.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' intimata teċċepixxi bir-rispett illi t-talbiet attriċi huma kollha infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

   *Illi kif sejjer jirriżulta waqt l-andamant tal-kawża, l-opra tal-baħar ma sofriet l-ebda danni wara d-dħul ta' l-ilma tant illi l-operaturi tad-dgħajsa bdew użaw l-istess dgħajsa fil-jiem ta' wara l-inċident u fil-fatt baqgħu użaw l-istess dgħajsa sa tmiem l-istaġun f'Ottubru u kien biss f'Ottubru 2018 illi d-dgħajsa reġgħet iddaħħlet għal tiswijiet, liema tiswijiet kienu*

*jirrelataw għal ħsarat li kienu għal kollox mhux relatati u mhux konnessi mad-dħul ta' ilma. Ġara illi s-soċjeta' attriċi baqgħet, sa llum stess, tirrifjuta illi tħallas għal dawn it-tiswijiet u baqgħet sa llum stess, ma marritx fuq il-lant ta' fejn hija l-magna tad-dgħajsa sabiex isir survey nonostante id-disponibilita' u insistenza da parti tas-soċjeta' intimata. Għalhekk, is-soċjeta' intimata ma setgħetx teżegwixxi x-xogħolijiet mingħajr konferma illi kien ser isir il-ħlas u mingħajr is-survey meħtieġ.*

5. *Bir-riżerva ta' difiżi ulterjuri;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-konvenut jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet attriċi bħala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u tiddikjara li l-konvenut m' għandu xejn xi jħallas lill-atturi, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

3. Rat illi, fis-26 ta' Lulju 2019, l-intimat **Luke Joseph Muscat** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1 Illi preliminarjament l-esponenti, li ġie ċitat "għal kull interess li jista' jkollu" mhuwiex il-leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi stante li kif anke jirriżulta mill-premessi tar-rikors ġuramentat, ma hemm l-ebda premessa li tikkolega lill-esponenti mat-talbiet attriċi. Għalhekk l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma kkawża l-ebda dannu lis-soċjetà attriċi;*

*3 Illi inoltre, l-esponenti ma wettaq l-ebda xogħol ħażin u kwasiasi dannu li setgħet sofriet is-soċjetà attriċi ma jista' qatt ikun imputabbli lilu. Illi għall-kuntrarju, u kif ser jiġi ampjament ippruvat, l-esponenti ġibed l-attenzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi għal diversi nuqqasijiet li kellu l-bastiment, inkluż iżda mhux limitatament għall-fatt illi l-bilge pump ma kinitx qed tiffunzjona;*

*4 Illi di più, is-soċjetà attriċi mhix qed tiddeskrivi, lanqas b'mod ġeneriku, id-danni li hija allegatament sofriet;*

*5 Illi mingħajr ebda preġudizzju, u in ogni każ, is-soċjetà attriċi trid tipprova in-ness u l-quantum tal-allegati danni;*

*6 Illi inoltre, u dejjem mingħajr ebda preġudizzju, is-soċjetà attriċi trid iġġib il-prova jekk hi aċċettatx xi ħlasijiet da parti ta' xi soċjetà assiguratriċi, u jekk iva jekk dawn aċċettathomx għas-saldu tal-istess pretensjonijiet;*

*7 Illi salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessibbli fil-liġi.*

**Provi**

4. Rat l-affidavit ta' **Alan Mark Whitehead**, ippreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fil-21 ta' Jannar 2020 (fol 25 sa 29) kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 30 sa 201).

5. Rat l-affidavit ta' **Lynsay Bryson**, ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fil-21 ta' Jannar 2020 (fol 202).

6. Rat l-affidavit ta' **John Alexander Mackenzie Ross**, ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fil-21 ta' Jannar 2020 (fol 203), flimkien mar-rapport minnu redatt u debitament maħluf (fol 204 sa 218).

7. Rat l-affidavit ta' **Ivan Bartolo**, ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2020 (fol 222).

8. Rat l-affidavit ta' **Jordan Morley**, ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2020 (fol 223 sa 226).

9. Rat l-affidavit ta' **David Borg Saydon**, ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2020 (fol 227 sa 228) kif ukoll dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 229 sa 313).

10. Rat l-affidavit ta' **Marinus Goosen**, ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2020 (fol 314 sa 321).

11. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

12. Rat l-affidavit ta' **Paul Ebejer**, Direttur tas-soċjeta' intimata Marine Services Limited, ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2020 (fol 328 - 330).

13. Rat l-affidavit ta' **Amanda Calleja**, ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2020 (fol 331).

14. Rat ir-rapport, ossija riassunt ta' fatti lilu rrakkontati mir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, redatt minn l-**Ingineer Paul L Cardona**, u ppreżentat fid-29 ta' Ottubru 2020 (fol 333 sa 335).

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Luke Joseph Mifsud**, ossija l-intimat, prodott mis-soċjeta' intimata u mogħtija fil-21 ta' Jannar 2021 (fol 340 sa 347).

16. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' **Alan Whitehead**, mogħtija fid-19 ta' Jannar 2022 (fol 363 sa 367).

17. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjeta' intimata fis-7 ta' April 2022, fosthom korrispondenza bejn il-partijiet kif ukoll ma' terzi (fol 369 sa 393).

18. Rat l-affidavit ta' **Dr Joseph Mizzi**, ppreżentat mis-soċjeta' intimata fis-7 ta' April 2022 (fol 394).

19. Semghet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' **Alan Whitehead**, mogħtija fis-7 ta' April 2022 (fol 395 sa 405).

20. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' **Alan Whitehead**, mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 (fol 407 sa 414).

21. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Jordan Morley, mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Elena Naudi Depasquale, fil-31 ta' Jannar 2023 (fol 419 sa 424).

22. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' intimata fis-6 ta' Marzu 2023 (fol 427 u 428).

23. Rat ir-rapport tal-**Ingineer Jan Bonello**, ippreżentat fil-21 ta' Gunju 2023 mill-intimat Luke John Mifsud, redatt mill-istess Ingineer Bonello esklussivament fuq informazzjoni lilu mogħtija minn Mifsud (fol 432 sa 444).

24. Rat l-affidavit ta' **Luke Joseph Mifsud**, ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2023, fejn jikkonferma l-fatti kif rappurtat mill-Inġineer Jan Bonello (fol 447).

25. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' **Alan Whitehead**, mogħtija fid-29 ta' Novembru 2023 (fol 448 sa 414).

26. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' **Luke Joseph Mifsud**, mogħtija fil-15 ta' Mejju 2024 (fol 455 sa 459).

27. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' **Paul Ebejer**, mogħtija fil-15 ta' Mejju 2024 (fol 460 sa 463).

28. Rat illi fil-15 ta' Mejju 2024, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

29. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentati fid-29 ta' Lulju 2024 (fol 466).

30. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata Marine Services Limited, ippreżentati fit-30 ta' Settembru 2024 (fol 499).

31. Rat is-sottomissjonijiet ta' Luke Joseph Mifsud ippreżentati fit-18 ta' Ottubru 2024 (fol 481).

32. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-kawża**

33. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, Barra Scuba Limited, hija sid ta' catamaran ta' tnax-il metru, bl-sem ta' "Leymor", illi permezz tagħha s-soċjeta' rikorrenti toffri s-servizzi kollha relatati ta' scuba diving ġewwa Malta u Għawdex permezz tan-negozju tagħha Divewise.

34. Jirriżulta illi Alan Mark Whitehead huwa d-direttur tas-soċjeta' Barra Scuba Limited, filwaqt illi fis-sena 2018, il-kaptan tal-catamaran kien Jordan Morley, u d-dgħajsa kienet f'idejn l-istess Morley, u kien jieħu ħsiebha prinċipalment hu.

35. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, Marine Services Limited, tipprovdi servizzi ta' storage, manutenzjoni u riparazzjoni ta' dgħajjes u dak kollu relatat ma' tali dgħajjes, fosthom xogħol ta' natura mekkanika u elettrika.

36. Jirriżulta illi Paul Ebejer huwa d-direttur tas-soċjeta' Marine Services Limited.

37. Jirriżulta illi l-intimat Luke Joseph Mifsud huwa mechanic illi jaħdem għal rasu bħala mechanic fuq id-dgħajjes, u joffri servizzi personali ta' riparazzjoni u manutenzjoni ta' magni u apparat oħra relatati mad-dgħajjes.

**“Service” tal-Catamaran**

38. Jirriżulta illi f’Marzu tas-sena 2018, Alan Whitehead kien qabbad lil Paul Ebejer sabiex jagħmel ‘service’ fuq il-catamaran, fejn l-istess Ebejer kellu jagħmel is-‘service’ annwali fuq il-magni, sabiex dawna jkunu tajbin għax-xhur tax-xogħol.

39. Jirriżulta illi, mingħajr ma għarraf lis-soċjeta' rikorrenti, Paul Ebejer, minħabba li kien impenjat bix-xogħol, għamel sub-contracting lill-intimat Luke Mifsud, fejn qabbad lill-istess Luke Mifsud sabiex huwa jmur u jagħmel is-service illi kien hemm bżonn fuq il-catamaran.

40. Dwar dan jixhed Paul Ebejer fl-affidavit tiegħu ppreżentat fid-29 ta’ Ottubru 2020, fejn huwa jgħid dan li ġej: (fol 328)

> *Fis-sena 2018, Alan tramite il-kumpannija Barra Scuba Limited, kien kellimni direttament għaliex xtaq illi jibda jassenjali xi xogħol ta' tiswijiet ta' dgħajjes. Jiena aċċettajt għax fdajtu u kont ili nafu diversi snin u kellna relazzjoni tajba ħafna.*
>
> *L-ewwel biċċa xogħol maġġuri li kien tani kienet fir-rigward tal-Leymor. Ix-xogħol rikjest minnu kien limitat biss għas-service tal-magni. Is-service ġie debitament eżegwit u għal dan jiena minħabba pressjoni ta' xogħol, kont assenjajt ix-xogħol lil ċertu Luke Mifsud. Is-service ġie debitament eżegwit fuq il-baħar u cioe' Roland Marina, Ta' Xbiex. Jiena bgħatt il-kont tal-kumpannija Marine Services Limited lil Barra Scuba u dan il-kont tħallas.*
>
> *Nispeċifika illi Marine Services limited ġiet ingaġġjata biss għal 'service' u xejn iżjed. Fl-ebda stadju ma qatt ġejt mitlub nagħmel xi xogħol ieħor apparti s-service. Ma kien hemm l-ebda telefonati jew emails jew komunikazzjoni oħra u peress illi s-service sar, u Marine Servies tħallset, jiena ma kelli assolutamnt l-ebda xogħolijiet oħra jew kuntatt ma' Barra Scuba.*

41. Jirriżulta illi Luke Mifsud, fit-23 ta’ April 2018, mar jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa fuq il-catamaran, illi kien sorġut fil-baħar fuq Pontoon ġewwa Ta’ Xbiex, u li fuqu kien hemm il-kaptan Jordan Morley u d-deck hand Lynsay Bryson.

42. Dwar dan, Luke Mifsud jgħid is-segwenti: (fol 436)

> *"In March 2018 I was contacted by Marine Services Ltd. to visit onboard MV Leymor for annual servicing of the main engines. The annual servicing routine was completed, and I was then contacted by the vessel owner regarding issues relating to loss of power from the starboard side main engine. I diagnosed the starboard side engine further, and after discussing the matter with a colleague of mine and the vessel's captain (Mr. Jordan Morley) we agreed that the issue was likely related to the turbocharger unit."*

43. Jirriżulta, di fatti, illi s-service miftiehem bejn Alan Whitehead u Paul Ebejer seħħ fit-23 ta’ April 2018, u kien debitament konkluż minn Luke Mifsud, illi kien imqabbad sabiex jagħmel tali xogħolijiet mill-istess Paul Ebejer.

44. Jirriżulta illi għas-servizz pprovdut mis-soċjeta' intimata Marine Services Limited, l-istess soċjeta' Marine Services Limited ħarġet Invoice Number MSL18/030 fl-10 ta' Mejju 2018 (fol 121), illi jidher li tħallas minn Alan Whitehead fis-27 ta' Ġunju 2018.

45. Jirriżulta ċar, mill-kontenut tal-Invoice fuq imsemmi, illi x-xogħol li sar kien relatat għal tibdiliet ta' żjut u filters u tibdiliet ta' parts tal-magni illi jkollhom jiġu regolarment mibdula minn sena għal oħra.

**Xogħolijiet addizzjonali**

46. Jirriżulta illi, kif jistqarr Luke Mifsud stess, wara li saru x-xogħolijiet, huwa ġie mgħarraf l-magna tan-naħa ta' 'starboard', ossija dik tal-lemin, kellha problema fl-operat tagħha, fejn dina ma kellhiex is-saħħa rikjesta.

47. Jirriżulta illi fi kliem Luke Mifsud stess, instab illi kien hemm problema fit-turbo tal-magna. Bħala riżultat, kif jistqarr il-Kaptan Jordan Morley, l-għada huwa mar fuq il-post u żarma t-turbo minn fuq il-magna tal-lemin (starboard).

48. Dwar dan, Morley jgħid li ġej: (fol 223)

> *They also recommended removing the turbo from the starboard side engine as it needed replacing. This was completed the following day and they left Lynsay and I too clean up afterwards.*

49. Fuq ix-xogħolijiet illi saru, Luke Mifsud kellu dan xi jgħid: (fol 436)

> *"We removed the turbo, which was found corroded and which was also noted to contain clearances in excess of the manufacturer specifications. Excess turbo compressor clearances mean that the turbo is not able to reach the design pressure, therefore resulting in a loss of power output by the engine. Dismantling of the turbo charger required partial dismantling of the exhaust system and the stern tube seal cooling system.*
>
> *As I always do in such instances, I ensured that the valve fitted to the stern tube seal hose pipe (i.e. the sea water cooling inlet to the shaft seal) were closed - this to ensure that water does not enter the machinery space. I also made sure that the sea water inlet valve to the main engine was closed as an extra precaution - even though the raw water circulation system fitted to the engine was not compromised. These two precautions ensured that sea water could not have entered the engine room through any of these two hull valves. The exhaust hose was also tied upwards to ensure that any water which enters the exhaust line does not enter the machinery space. While doing so, I also checked the machinery space bilge pump float switch as a precaution. I noted that the unit was not functional (due to a ruptured wire), and I immediately informed the captain to ensure it was repaired / fixed. I also advised the vessel's captain to monitor the space continually, to ensure that the machinery space was free of water ingress."*

50. Jirriżulta, mix-xhieda ta' Jordan Morley, kif konfermata minn Luke Mifsud stess, illi ftit wara li Mifsud spiċċa xogħlu u kien telaq 'l hemm, Morley beda jisma' ħoss ta' ilma jqattar, fejn għarraf minnufih lil Mifsud.

51. Fi kliem Morley stess:

> *"As we were cleaning up, we both hear water dripping. The two men were still at the pontoon working on another boat. We called them numerous times and they told us that what we were hearing was the coolant dripping"*

52. Mill-banda l-oħra, dwar dan, Mifsud jgħid dan li ġej:

> *"A few days after removal of the turbocharger, the vessel's captain called to inform me that water was dripping into the machinery space. I advised him to clean the water out, and to keep a close eye on the space – this was on the 24th April 2018"*

**Inċident**

53. Kif fuq osservat, jirriżulta illi x-xogħolijiet ta' tneħħija tat-turbo fuq il-magna tal-lemin, ossija starboard, kif aħjar deskritt minn Luke Mifsud stess, seħħew fl-24 ta' April 2018.

54. Jirriżulta illi fis-27 ta' April 2018, ossija tlett ijiem wara, Jordan Morley irċieva telefonata mingħand l-operaturi tal-pontoon fejn kienet sorġuta il-catamaran 'Leymor', fejn ġie mgħarraf illi l-catamaran kien qiegħed jieħu l-ilma min-naħa tal-lemin u illi kienet qed tegħreq, u dana kif jidher mir-ritratti eżebiti a fol 315 tal-proċess.

55. Jirriżulta illi, fi kliem Morley stess:

> *To our horror, on the 27th April 2018 we received a call from the marina telling us that Leymor was sinking When we arrived there were airbags in place lifting the catamaran back up. Members of the marina staff were also assisting with bailing out the water and the airbags. We took our own equipment too and David Borg Saydon, who is a firefighter, assisted us with a pump.*

56. Dwar dan, jixhed ukoll Alan Whitehead illi jgħid:

> *On the 27th April 2018, at around 5pm, Jordan received a call from the marina to inform him that Leymor was underwater. Jordan, Lynsay and myself, as well as many members of my staff went to the marina and when we arrived, there were airbags in place lifting the catamaran and maintaining it afloat. My staff and the marina staff were bailing water, using lift bags and pumps. At this point I called Paul Ebejer and asked him to come to the marina, which he did immediately. When he came he proceeded to make a phone call which I later found was to these two mechanics. They arrived at the marina within twenty minutes.*

57. Jirriżulta illi dawn il-fatti ġew ukoll kkonfermati minn David Borg Saydon, Uffiċjal tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, iżda wkoll konoxxenza kemm ta' Alan Whiteman kif ukoll ta' Paul Ebejer, peress illi kien jassistithom fejn tidħol l-assikurazzjoni fil-qasam tax-xogħol tagħhom. Borg Saydon kellu dan xi jgħid:

*Bħala involviment tiegħi fl-inċident li seħħ fis-27 ta' April tas-sena 2018 niftaktar illi, filgħaxija, jiena rċevejt telefonata mingħand Alan Whitehead, is-sid ta' MV Leymor, fejn infurmani li n-naħa tal-lemin ta' Leymor, jiġifieri "starboard", kienet taħt l-ilma, u saqsieni jekk stajtx ngħin b'xi mod. Peress li jiena kont duty l-istazzjon jien mort ngħin nippompja l-ilma ‘l-barra, bħala membru tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.*

*X'ħin wasalt ir-Roland Marina ġewwa Ta' Xbiex, jiena rajt il-catamaran parzjalment taħt il-livell tal-ilma u offrejt li nużaw il-pompi sommerġibbli. Sakemm mort niġborhom jiena ltqajt ma' Paul Ebejer, Alan Whitehead, Jordan Morley u żewg mechanics li kienu fil-kompartament tal-magna jippruvaw jaraw x'kienet il-problema u għalfejn kien qed jidħol l-ilma f'dan il-kompartament.*

*F'dan l-istadju jiena kellimt lil Paul Ebejer biex jipproċedi jiftaħ claim. Hu qalli li dawn iż-żewġ mechanics kienu qegħdin jagħmlu xogħol żejjed fuq Leymor li hu ma kienx jaf bih u għalhekk mhux responsabbli għad-danni.*

58. Jirriżulta illi, sussegwentement, permezz ta' bugħaddasa u xogħol ieħor mis-soċjeta' Sandy Yacht Marina Limited, il-catamaran ġie salvat milli jegħreq u rega' ttella' fil-wiċċ filwaqt illi l-ilma tneħħa minn ġewwa d-dgħajsa w il-magni.

59. Jirriżulta illi, sussegwentement fid-29 ta' April 2018, l-istess soċjeta Sandy Yacht Marina Limited bagħtet kont għas-servizzi tagħha ta' salvataġġ ta' €11,800, kif jidher mid-dokument eżebit a fol 151, li jifforma parti mill-Ittra Uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A Nru 804/2019.

### Wara l-inċident

60. Jirriżulta illi, wara li d-dghajsa reġgħet ittellgħet u sarulha xogħolijiet da' parte ta' Luke Mifsud, kif huwa stess jistqarr meta jgħid is-segwenti: (fol 436-437)

*Repair of the Starboard Side Main Engine*

*"When removing sea water from marine diesel engines, it is essential to ensure that the 'pickeling' procedure is performed within the shortest timeframe possible, and that any traces of salt or moisture are removed from within the main engine block through extensive flushing. The rocker cover was dismantled, opened and cleaned. Injectors were all removed and cleaned. Electric components were flushed and protected with corrosion inhibitor spray.*

*The engine had only been submerged for a couple of hours until I commenced the restoration procedure.*

*Upon dismantling of the rocker cover, I immediately noticed that the valve springs contained significant signs of corrosion. I informed the captain, and he confirmed that the engine had already suffered flooding prior to this incident.*

*The starter motor was completely sealed, so this was not affected. The remaining electrical connections were all cleaned, Aushed and treated. The CAT 3126 is a mechanical type engine, and does not rely much on electronic control modules for operation.*

*All traces of water were removed from the engine room. The engine block oil and coolant systems were Aushed and the engine was started. The first start was performed without the turbo and with the rocker cover dismantled. Within that week I attended onboard every day, changed the engine oil three times and operated the engine for at least an hour during each visit. This in an effort to ensure that all traces of salt and moisture were expelled from the engine block."*

61. Jirriżulta illi Paul Ebejer jixhed dwar ix-xogħol illi kellu jsir, fejn jgħid is-segwenti:

*Meta wasalt fuq il-post, kien qiegħed isir eżerċizzju sabiex id-dgħajsa tittella' u kien miftiehem bejn Luke, jiena u jew Jordan jew Alan, illi l-għada Luke imur u jagħmel kwalsiasi xogħol neċessarju sabiex ma ssirx ħsara lill-magna. Konna wkoll in kuntatt ma ċertu Elio Desira, surveyor ingaġġjat mill-kumpannijja assikuratriċi ta' Barra Scuba, u tana struzzjonijiet dwar x'għandna nagħmlu sabiex nipproteġu l-magna. Aħna segwejna l-istruzzjonijiet kollha tiegħu u l-għada s-Sibt, ħaddimna l-magna (started the engine) għal perjodu twil ta' ħin u l-magna kompliet taħdem. Wara dan, jiena ma kontx iżjed involut peress illi Luke kien qiegħed jagħmel xi xogħolijiet direttament lil Barra Scuba eżatt qabel ma għerqet id-dgħajsa u għalhekk huwa kellu jkompli x-xogħol minu mibdi li wara sirt naf kien jikkomprendi l-bdil tat-turbo tal-magna. F'dan l-istadju wkoll, jiena u l-kumpannija tiegħi ma konniex involuti u kollox sar direttament bejn Luke Mifsud u Barra Scuba - la ġejt infurmat u lanqas ma ngħatajt informazzjoni dwar x'kien qiegħed isir.*

62. Jirriżulta, minn korrispondenza eżebita minn David Borg Saydon, illi fl-1 ta' Mejju 2018, Elio Desira, is-surveyor tas-soċjeta' rikorrenti, kiteb lil Paul Ebejer u, wara li qallu illi kien għamel inspection il-ġurnata ta' qabel, għarrfu s-segwenti: (fol 230)

***<u>Important</u>***

*I have been told that the engine was drained, flushed and started.*
*Kindly make sure that the engine oil is drained again and engine restarted at least for 1 hour Also all electrical installation / components are cleaned out with appropriate electric cleaner.*

*Kindly keep us posted.*

63. Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-8 ta' Mejju 2018, David Borg Saydon kiteb lis-surveyor Elio Desira, fejn għarrfu s-segwenti: (fol 235)

*Further to your email below and to my conversation with the owner of 'Leymor', the following is an update of the situation.*

> 1. *To instruct mechanics - to replace the oil in the engine (again) and run the engine again for at least 1 hr. if possible to keep running the engine at least for every 2 / 3 days for at least ½ hr until the parts (turbo) are in hand - <u>Engine had been running every day for the last week for half an hour each day and today the engine oil and gear box oil was changed again.</u>*
> 2. *To clean with electric cleaner all electrical installation / connection boxes, alternators / starter ect in the stbd engine compartment and engine. - <u>Being done.</u>*
> 3. *To spray engine with rust preventer - <u>Engine has been degreased and washed several times. Rust preventer is being applied.</u>*
> 4. *To submit all photos taken during the accident - Photos attached*
> 5. *Details of port engine (s/n & model) + details of both gearboxes - Caterpillar 3126 STBD 6MK02050 & Port 6MK02045. Gearbox details will follow shortly.*
>
> *Owner of boat has also informed me that today the boat was out for a sea trial, however, the engine is not performing well and according to the mechanics, the only way they will know what is wrong is by dismantling the engine. What is your opinion?*
>
> *On the other hand, a decision needs to be taken since client uses this boat is used for owners diving business and is losing money, thus we need to take immediate action.*

64. Jirriżulta illi, nelfrattemp, Jordan Morley kien qiegħed jikkomunika direttament ma' Luke Mifsud dwar xogħolijiet illi kellhom isiru fejn, fis-6 ta' Mejju 2018, Morley jgħid lil Mifsud is-segwenti (fol 383)

> *"Do what you need to do in order to have the engine running, I respect the fact that parts need to be ordered and if we need to run at the expense of burning oil, so be it, also I mentioned, 50% work load is better than 0% work load."*

65. Jirriżulta, di fatti, illi dwar dan jixhed ukoll Luke Mifsud, illi jgħid is-segwenti: (fol 437)

> *Continuation of Vessel Operation*
>
> *"The engine had been restored to its former state i.e. the state prior to the flooding and therefore operational. The vessel owner wished to procure a new turbo charger unit himself, and we therefore agreed for the old unit to be re-installed until the new part arrived. In the meantime, the ship's captain casually informed me that the ship was operating regularly.*
>
> *After approximately two months, the new turbo charger arrived and I attended onboard to have it installed.*
>
> *We performed a sea trial to verify the performance of the engine and the client was happy.*

*After a few weeks, the client contacted me regarding loss of oil from the starboard engine (This fault was not present when the sea trial was carried out). We determined that oil was being lost into the bilge through a faulty oil pressure sensor. The part was not available locally, so we ordered it and had it fitted within a few weeks. The client then monitored the oil level and confirmed that the engine was not losing oil after replacement of the sensor. From this point onwards the client did not contact me about any issues relating to the MV LEYMOR".*

66. Jirriżulta, di fatti, illi l-istess Jordan Morley, f'messaġġ minnu mibgħut lil Luke Mifsud fit-12 ta' Mejju 2018, fol 385, meta mistoqsi jekk użawx id-dgħajsa, kellu dan xi jgħid:

*"Good morning Luke, yes we are out now, oil was fine this morning and she's sitting at 15kts at 1800 rpm"*

**Problemi sussegwenti**

67. Jirriżulta illi nelfrattemp, is-soċjeta' rikorrenti bdiet tesperjenza problemi fil-magna, liema problemi hija bdiet tattribwihom għall-fatt illi kien seħħ l-inċident tas-27 ta' April 2018 fejn daħal l-ilma fid-dgħajsa u għerreq il-magni.

68. Jirriżulta illi Paul Ebejer kien qed jikkontesta tali allegazzjonijiet, fejn insista illi kwalsiasi ħsarat illi minnhom qed jilmenta Alan Whitehead ma humiex relatati ma' l-inċident tas-27 ta' April 2018, iżda huwa riżultat ta' ħsarat oħra indipendenti mill-ingress ta' l-ilma.

69. Jirriżulta illi fl-10 ta' Ottubru 2018, is-soċjeta' rikorrenti bagħtet Ittra Uffiċjali, illi tidher a fol 52 tal-proċess, fejn interpellat lis-soċjeta' intimata tersaq għal ħlas tad-danni, filwaqt illi s-soċjeta' intimata, permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 29 ta' Novembru 2018, illi tidher a fol 54 tal-proċess, irrispenġiet tali allegazzjonijiet w insistiet illi hija ma kinetx responsabbli għax-xogħolijiet illi saru, imma kien Luke Joseph Mifsud.

70. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi, riżultat tal-ħsarat illi kellha fil-magna, l-catamaran "Leymar" ma setax ikompli jopera, u għalhekk huwa kellu jħassar xi vjaġġi kif ukoll kellu jqabbad terzi sabiex jagħmel ix-xogħolijiet illi kellu ġia ordnati miegħu.

**Talbiet tas-soċjeta' rikorrenti**

71. Jirriżulta illi, fit-talbiet tas-soċjeta' rikrorenti, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli talli naqsu milli jeżegwixxu x-xogħolijiet kollha neċessarji kif ukoll illi sar xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa u l-arti li kkaġuna danni lir-rikorrenti illi għalihom, l-intimati jew minn minnhom kellhom jiġu kkundannati jħallsu.

72. Tenut kont ta' tali talba, kif ukoll ikkunsidrati l-fatti kif fuq esposti, ikun opportun illi dina il-Qorti issa tqis jekk hemmx responsabbiltajiet da' parte ta' l-intimati, u semmai min huwa responsabbli, kif ukoll dwar xiex huwa responsabbli.

73. Jirriżulta ċar, mill-provi prodotti, illi Alan Whitehead, għas-soċjeta' rikorrenti, kien inkariga lil Paul Ebejer sabiex jagħmel service fuq iż-żewġ magni illi l-catamaran Leymar għandha, liema service kien dak illi regolarment jingħata darba fis-sena, qabel ma jibda l-istaġun tax-xogħol.

74. Jirriżulta ċar ukoll illi Paul Ebejer u s-soċjeta' intimata Marine Services Limited qabbdet lill-terzi, ossija Luke Joseph Mifsud, sabiex jagħmel ix-xogħolijiet illi kien ġie inkarigat illi jagħmel.

75. Jirriżulta illi tali xogħolijiet saru fit-23 ta' April 2018, u dawna saru minn Luke Joseph Mifsud, wara liema xogħolijiet is-soċjeta' intimata Marine Services Limited ħarġet l-Invoice tagħha fl-10 ta' Mejju 2018 u sussegwentement tħallset tagħhom.

76. Jirriżulta wkoll illi l-għada, 24 ta' April 2018, Luke Joseph Mifsud, wara illi kien tkellem mal-kaptan tal-catamaran Leymar Jordan Morley, kien ġie inkarigat sabiex jivverifika għaliex il-magna tal-lemin ma kellhiex daqstant saħħa, liema verifiki saru billi tneħħa it-turbo minn fuq il-magna.

77. Jirriżulta wkoll illi, dakinhar illi tneħħa t-turbo, ġie mal-ewwel konstatat minn Luke Joseph Mifsud illi kien hemm ħafna 'corrosion', ossija sadid, ġewwa t-turbo, bir-riżultat illi dana ma kienx qiegħed jaħdem tajjeb u kien il-kawża illi l-magna ma kellhiex daqstant saħħa.

78. Jirriżulta illi dakinhar stess, Luke Joseph Mifsud neħħa t-turbo minn fuq il-magna, bir-riħultat illi huwa wkoll neħħa varji partijiet oħra tal-magna u pipes illi kienu jipprovdu l-ilma tal-baħar lill-istess magni, liema pipes tqiegħdu b'mod illi ilma mill-baħar ma jkunx jista jidħol fid-dgħajsa kif ukoll, skond Mifsud, ingħalqu l-pipes minn ma' barra.

79. Jirriżulta, madanakollu, minkejja illi Jordan Morley kien għarraf lil Mifsud illi kien hemm ħoss ta' qtar ta' ilma, Mifsud ma reġax mar jivverifika dwar dan, iżda għarraf biss lil Morley sabiex inixxef l-ilma u jara x'hemm.

80. Minkejja tali assikurazzjoni, jidher ċar illi, fis-27 ta' April 2018, fiż-żona tal-magni kien daħal daqstant ilma illi d-dgħajsa kienet mgħerrqa sew minn wara bir-riżultat illi l-magni kienu, għal mument taħt l-ilma.

**Responsabbilta'**

81. Mill-assjem tal-provi miġbura quddiemha, jidher ċar illi fuq il-catamaran 'Leymar' saru żewġ tipi ta' xogħolijiet, wieħed illi kien jinvolvi 'service' tal-magni, illi sar fit-23 ta' April 2018, u ieħor tat-tneħħija tat-turbo minn fuq il-magna, illi sar fl-24 ta' April 2018.

82. Jirriżulta wkoll illi, s-soċjeta' intimata Marine Services Limited kienet inkarigata minn Alan Whitehead sabiex tagħmel ix-xogħolijiet ta' "service", liema soċjeta' sussegwentement inkarigat lil Luke Joseph Mifsud biex jagħmel tali xogħol.

83. Jirriżulta, iżda, illi t-tneħħija tat-turbo minn fuq il-magna w il-konsegwenti tneħħija ta' pipes u manifolds (exhaust system) tad-dgħajsa, kien xogħol illi Luke Joseph Mifsud kien ġie inkarigat jagħmel minn Jordan Morley, u dana wara illi l-istess Morley beda jilmenta li l-magna tal-lemin (starboard) ma kinetx qed tiffunzjona daqstant tajjeb.

84. Jirriżulta illi tali inkariku, fl-ebda stadju ma ngħata lis-soċjeta' Marine Services Limited, iżda ngħata esklussivament lil Luke Joseph Mifsud, tant illi, f'messaġġ datat 16 ta' Ottubru 2018, eżebit a fol 393, Luke Joseph Mifsud jikteb lil Jordan Morley u jgħidlu:

    *"Hi Jordan. I have done the invoice for the work for replacing turbo charger is it possible to hand invoice?*

    Għal liema messaġġ Jordan Morley jgħidlu:

    *"Hi Luke, if you could send it to our email address info@wreckfindercharters.com. Thanks.*

85. Jirriżulta, għalhekk, illi x-xogħolijiet kollha relatati mat-tneħħija tat-turbo, w il-konsegwenzi illi dana ġab miegħu, għandhom jitqiesu bħala ta' responsabbilta' esklussiva ta' Luke John Mifsud.

86. Jirriżulta ċar wkoll illi kwalsiasi ilment dwar ingress ta' ilma ġie riskontrat biss wara illi tneħħa t-turbo, u mhux meta kien qed isir is-"service" fuq il-catamaran.

87. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda eżitazzjoni sabiex tikkonkludi illi kwalsiasi responsabbilta' għal danni għandha tinġarr unikament minn Luke Joseph Mifsud u s-soċjeta' Marine Services Limited ma għandhiex tinżamm responsabbli għaliha.

**Danni**

88. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, fit-talba tad-danni tagħha, qiegħda tinvoka, bħala ħlas ta' danni, kemm id-danni minnha sofferti riżultat tal-fatt illi d-dgħajsa kienet qed tegħreq, kif ukoll it-telf ta' qliegħ riżultat tal-ħsarat illi sussegwentement waslet biex issofri l-magna tal-lemin riżultat ta' l-ingress ta' ilma.

89. Hawnhekk, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

90. Jirriżulta fatt mhux ikkontestat illi, kif jidher mir-ritratt a fol 315, illi d-dgħajsa kellha l-parti ta' wara tagħha mgħarraq, u għalhekk iż-żewġ muturi tagħha, kemm dak tal-port side, ossija tax-xellug, kif ukoll dak tal-istarboard side, ossija dak tal-lemin, kienu t-tnejn li huma mgħarrqin fl-ilma.

91. Jirriżulta illi, fortunatament, riżultat tax-xogħol ta' salvataġġ illi sar mis-soċjeta' Sandy Yacht Marina Limited, id-dgħajsa ftit damet mgħerrqa, bir-riżultat illi l-magni ma damux daqstant taħt l-ilma.

92. Jirriżulta illi, sussegwentement, fuq direzzjoni tas-surveyor Elio Desira, li ebda mill-partijiet ma ħassew in-neċessita' li jipproduċu bħala xhud, l-intimat Luke Joseph Mifsud għamel ix-xogħolijiet kollha ta' manutenzjoni fuq il-magni biex kwalsiasi ilmijiet u melħ illi seta' kien hemm mal-magni u l-elettronika biswit l-istess jiġi trattat.

93. Jirriżulta illi, wara li sar it-trattament kollu meħtieġ da' parte ta' Luke Joeph Mifsud, il-magni reġgħu bdew jiffunzjonaw w l-catamaran reġa' beda jaħdem, tant illi fit-12 ta' Mejju 2018, vide fol 385, Morley qal lil Mifsud illi kienu ħarġu bid-dgħajsa u kollox kien sejjer sew.

94. Jirriżulta, għalhekk, illi riżultat tal-intervent f'waqtu wara illi d-dgħajsa kienet qed tegħreq w il-magni kienu taħt l-ilma, illi ż-żewġ magni kienu reġgħu funzjonanti.

95. Jirriżulta, madanakollu, illi s-soċjeta' rikorrenti tisħaq li, minkejja dan, huma baqgħu jesperjenzaw problemi fil-magna tax-xellug, ossija starboard, tant illi kien hemm okkazzjonijiet fejn ma setgħux joperaw jew kellhom jieqfu għal ftit ħin.

96. Din il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tirrilevax illi dawna l-problemi kienu lkoll ġew riskontrati fil-magna illi l-intimat Luke Joseph Mifsud kien ġia rriskontra problemi serji QABEL ma d-dgħajsa kienet għerqet parzjalment.

97. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi tali problemi fil-magna tax-xellug, ossija starboard, illi sussegwentement spiċċat ġiet mneħħija minn fuq il-post mis-soċjeta' intimata fuq rikjesta tas-soċjeta' rikorrenti WARA illi kienu ġia ġew skambjati l-Ittri Uffiċjali ta' bejniethom, fuq aħjar deskritti, w rranġata minn Luke Joseph Mifsud, kienu problemi illi kienu eżistenti QABEL l-inċident.

98. Hawnhekk, il-Qorti tirrileva illi s-soċjeta' rikorrenti, bħalma għamlet ukoll s-soċjeta' intimata pproduċiet rapporti ta' Surveyors tagħhom fejn waslu għal konklużjonijiet tagħhom, mingħajr ma neċessarjament flew il-fatti kollha tal-każ. Għalhekk, il-konklużjonijiet tagħhom approssimattivi ftit li xejn huma ta' utilita' għal dina l-Qorti sabiex tistabilixxi jekk id-danni li sofriet il-magna tax-xellug WARA l-għarqa kienu ġew ikkawżati mill-għarqa jew le. Madanakollu, l-espert tas-soċjeta' rikorrenti, John Ross, fir-rapport tiegħu, jagħmel referenza għall-verżjoni tal-fatti kif lilu rakkontati mill-mechanic Roderick Fenech, li kien jaħdem ma' Luke Joseph Mifsud, liema fatti huwa importanti illi jiġu hawnhekk riprodotti. Huwa, di fatti, qal hekk lil Ross: (fol 211)

> *I was informed that the engine was found seized at the end of the season and had been immersed and then flushed out. It had been intended to remove the engine sooner but there were numerous delays.*
>
> *I found a leak at an injector pocket which caused water to enter the cylinders. I removed the injectors removed before turning the engine which was hydraulically locked due to water into the cylinders. / believe there were problem with turbo corrosion prior to this occurrence.*

99. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi tali verżjoni tal-fatti, kif riprodotti mill-espert imqabbad mis-soċjeta' rikorrent, jagħti raġun lill-insistenza da' parte ta' Paul Ebejer fil-varji korrispondenza tiegħu ma' Alan Whiteman esebiti fl-atti, illi l-ħsarat fil-magna tax-xellug ma kellhom ebda konnessjoni mal-għarqa parzjali tad-dgħajsa, iżda kienu problemi distinti u separati.

100. Il-Qorti tosserva ulterjorment illi filwaqt illi ma hemm ebda kontestazzjoni illi d-dgħajsa għandha żewġ magni, u għalhekk illi waqt li kienet qed tegħreq, iż-żewġ magni spiċċaw b'xi mod taħt l-ilma, il-magna tal-lemin, ossija dik illi ma kienet qed tagħti ebda problemi lill-Morley qabel is-service, baqgħet taħdem normalment, filwaqt illi kienet il-magna tax-xellug, ossija dik illi dwarha kien qiegħed jilmenta Morley, illi baqgħet tagħti problemi lis-soċjeta' rikorrenti, anke wara illi l-magni kienu ġew irranġati wara l-għarqa, u li, skond is-soċjeta' rikorrenti, wasslet għal telf ta' xogħol u qliegħ.

101. Joħroġ ċar, anke mill-kostatazzjonijiet ta’ Roderick Fenech, illi l-problema ta’ ingress ta’ ilma fil-magna kien riżultat ta’ “turbo corrosion prior to this occurrence”, liema corrosion huwa intern u ċertament ma setax ikun kkawżat mill-għarqa tad-dgħajsa, u dana preċiżament għax Luke Joseph Mifsud kien ġia neħħa t-turbo u sabu mimli corrosion u sadid, indikazzjoni ċara illi ħsara kien hemm fil-magna QABEL l-akkadut.

102. Għalhekk, il-Qorti tqis illi, filwaqt illi huwa minnu illi xi ħadd mill-intimati irid jagħmel tajjeb għad-danni sofferti meta għerqet id-dgħajsa, u aktar preċiżament, sabiex hija tiġi salvata minn għarqa totali, ċertament ma huwiex minnu illi xi ħadd mill-intimati irid jagħmel tajjeb għal telf illi għamlet is-soċjeta' rikorrenti riżultat tan-non uso tad-dgħajsa, peress illi ħareġ ċar illi d-difett fil-magna kien hemm QABEL l-akkadut, u għalhekk ċertament l-akkadut ma kellu ebda impatt fuq tali danni.

**Konklużjoni**

103. Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti tibda billi tirrileva li, kif ġia fuq osservat, l-ingress ta’ ilma u għarqa parzjali tad-dgħajsa seħħet wara xogħol illi kien qed jagħmel Luke Joseph Mifsud personalment u mhux kif inkarigat mis-soċjeta' Marine Services Limited, u għalhekk is-soċjeta' Marine Services Limited ma hija responsabbli għall-ebda ħsarat sofferti.

104. Mill-banda l-oħra, għal dak illi jirrigwarda danni pretiżi, il-Qorti tqis illi Luke Joseph Mifsud għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi sabiex tiġi salvata d-dgħajsa Leymor, aktar preċiżament għas-somma pretiża mis-soċjeta' Sandy Yacht Marina Limited ta’ ħdax-il elf u tmien mitt Euro (€11,800), filwaqt illi kwalsiasi somma rikjesta għal telf ta’ qliegħ ma għandhiex tiġi riżarċita lis-soċjeta' rikorrenti.

105. Dwar spejjeż, il-Qorti tqis illi filwaqt li Luke John Mifsud għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tas-soċjeta' rikorrenti, l-istess soċjeta' rikorrenti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tas-soċjeta' Marine Services Limited mingħajr ma dawn jiġu lilha riżarċiti mill-intimat Luke John Mifsud.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata Marine Services Limited;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimat Luke Joseph Mifsud, u għalhekk:

**Tilqa’** t-talbiet rikorrenti limitatament kif ġej, u dan billi:

**Tiddikjara** illi Luke Joseph Mifsud naqqas milli jeżegwixxi x-xogħol skond is-sengħa u l-arti bir-riżultat illi kkawża l-għarqa parzjali tal-catamaran Leymor fis-27 ta’ April 2018;

Tiddikjara illi Luke Joseph Mifsud huwa unikament responsabbli għad-danni kkawżati mill-għarqa parzjali tal-catamaran Leymor fis-27 ta' April 2018;

Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti għall-għarqa parzjali tal-catamaran Leymor fis-somma ta' ħdax-il elf u tmien mitt Euro (€11,800) kif aħjar deskritt fil-paragrafu 104, u għalhekk:

Tikkundanna lil Joseph Luke Mifsud iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' ħdax-il elf u tmien mitt Euro (€11,800).

**Dwar spejjeż** tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' rikorrenti għandha tagħmel tajjeb esklussivament għall-ispejjeż tas-soċjeta' intimata Marine Services Limited, filwaqt illi l-intimat Luke Joseph Mifsud għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tas-soċjeta' rikorrent, salv dawk tas-soċjeta' intimata kif fuq aħjar deskritt.

**Imgħax** mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**